# Leħen

Charles Flores

Il-leħen li ħesrem tmewweġ mar-riħ tal-għodwa
Ġarr miegħu fdalijiet u rwejjaħ li weħlu
Mal-moffa tal-ħitan. Weraq u tajn. Dud u qrempuċ.
Iżda fuq kollox sab il-kliem li int u jien xi darba
Konna ħażżiżna
Fil-ġnien tas-skiet li minnu l-arja tinħass tobrox il-griżmejn
U tikwi d-dawl f'għajnejk.
Madwarna l-iġbla tal-imgħoddi jwennsu,
Il-ħnejjaq tagħhom ktajjen kbar li fihom il-ġometrija
Issir bħal sinfonija.
Iss' ilbes iż-żarbun
U farfar il-ħamrija minn bejn is-swaba' ta' saqajk.
Irfist biżżejjed tifkiriet,
Ħallejt warajk il-passi niedja
Li ħtieġlek tmidd ... u terġa' tmidd ...
Tul ħajtek.